

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.8421 — WestRock/MPS)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2017/C 122/07)

1. Fis-7 ta' April 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004<sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża WestRock Company ("WestRock", l-Istati Uniti tal-Amerka) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Multi Packaging Solutions International Limited ("MPS", Bermuda) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— WestRock hija fornitur multinazzjonali ta' karti u ta' soluzzjonijiet ta' ppakkjar għall-konsumaturi u għas-swieq ta' ppakkjar immewweġ. Hija tipprovdi varjetà ta' soluzzjonijiet ta' ppakkjar bħalma huma l-kartun li jintewa, kartun, sistemi ta' distribuzzjoni, unitajiet ta' wiri fil-punt tax-xiri, kontenituri mmewwġa, ppakkjar protettiv u li jissepara f'porzjonijiet lil klijenti fl-oqsma ta' prodotti ta' kura personali u tas-sbuħija, tax-xorb, tal-ikel, tas-servizzi tal-ikel, tal-kura tas-saħħa, tad-dar u l-ġonna, tax-xiri u tat-tabakk. WestRock timmanifattura wkoll karta b'saħħitha kannella (kraft paper), kartun ibbliċjat u kartun irriċiklat u miksi, kif ukoll toffri soluzzjonijiet ta' stampar kummerċjali;

— MPS hija attiva fil-manifattura u fil-bejgħ ta' soluzzjonijiet ta' ppakkjar speċifiċi. Dawn jinkludu kartun ta' kwalità għolja li jintnew bħalma huma kaxxi għar-rigali, fuljetti ta' tagħrif bħalma huma fuljetti u kotba żgħar, tikketti, l-iktar għal prodotti farmaċewtiċi, prodotti għall-konsumatur u għal finijiet ta' midja, u ppakkjar riġidu għal fwejjaħ u spirti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċizzjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), b'ittra elettronika lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bir-referenza M.8421 — WestRock/MPS, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").